**REGJUN XLOKK**

VALLETTA, BIRGU, ISLA, BORMLA, HAZ-ZABBAR, ZEJTUN, FGURA, FLORIANA, KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL-TARXIEN, XGHAJRA.

# MINUTI

## Laqgħa tar-Regjun Xlokk

## Laqgħa Nru. 29/2019 tat-Tielet Amministrazzjoni

Data: 25 ta' Lulju 2019

Ħin: 17.30

Post: Ufficcju Amministrattivi tar-Regjun Xlokk, f' 97 Triq Santa Marija, Tarxien.

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Chev Paul Farrugia** | President | Reġjun Xlokk | PREŻENTI |
| **Sra. Darlene Vella Zammit** | Viċi Sindku | Kunsill Lokali Tarxien | PREŻENTI |
| **Sur Christopher Cassar** | Viċi Sindku | Kunsill Lokali Birgu | PREŻENTI |
| **Sra. Alison Zerafa Civelli** | Sindku | Kunsill Lokali Bormla | PREŻENTI |
| **Sra. Davina Sammut Hili** | Sindku | Kunsill Lokali Floriana | PREŻENTI |
| **Sur Pierre Dalli** | Sindku | Kunsill Lokali Fgura | SKUŻAT |
| **Sur Clive Pulis** | Sindku | Kunsill Lokali Isla | PREŻENTI |
| **Sur Wayne Aquilina** | Sindku | Kunsill Lokali Kalkara | PREŻENTI |
| **Sur Josef Azzopardi** | Sindku | Kunsill Lokali Marsa | PREŻENTI |
| **Sur Steven Grech** | Sindku | Kunsill Lokali M'xlokk | ASSENTI |
| **Sur Charlot Mifsud** | Kunsillier | Kunsill Lokali M'skala | PREŻENTI |
| **Sur Dominic Grima** | Sindku | Kunsill Lokali Paola | SKUŻAT |
| **Sur Ray Azzopardi** | Viċi Sindku | Kunsill Lokali Valletta | PREŻENTI |
| **Sur Neil Attard** | Sindku | Kunsill Lokali Xgħajra | PREŻENTI |
| **Sra. Bernice Farrugia** | Viċi Sindku | Kunsill Lokali Zabbar | PREŻENTI |
| **Sinj. M. Doris Abela** | Sindku | Kunsill lokali Zejtun | PREŻENTI |
| **Sna Antonella Galea** | Segretarju Eżekuttiv | Reġjun Xlokk | PREŻENTI |

## AĠENDA

29.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

29.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

29.3 Komunikazzjoni mill-President;

29.4 Ħatra ta' Viċi President

29.5 Sejħa għall-offerti għall-Ġbir ta' Skart fuq Bażi Reġjonali 2022

29.6 Fondi għall-inizjattivi Kulturali/Soċjali mill-Fondi tal-LESA

29.7 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tar-Rappreżentanti;

29.8 Rapporti;

29.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru. 95/2019;

29.10 Mozzjonijiet;

29.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## TALBA

**Il-President qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

## 29.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

Ittri ta' Apoloġija

i. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kumitat Reġjonali li kienu biss l-Kunsill Lokali ta' PAOLA u FGURA li talbu sabiex ikunu skużati għal din il-laqgħa. Filwaqt li l-Kunsill Lokali ta' M'xlokk ma kienux avżaw li ma kenux ser jattendu.

Rappreżentanti Reġjun Xlokk

**ii.** Il-President Paul Farrugia ta merħba lil Membri kollha preżenti. Hawnhekk huwa ndirizza lir-Rappreżentant tal-Kunsill Lokali Ħal Tarxien, il-Viċi Sindku fejn qalilha li fejn il-Kunsilli Lokali kollha kienu wieġbu għall-email tas-Segretarju Eżekuttiv kien il-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien biss li ma kien ta ebda tweġiba. Żied jgħid il-President li anqas biss kienu nfurmaw lir-Reġjun min f'isem il-Kunsill Lokali Tarxien kien ser ikun ir-Rappreżentant fir-Reġjun Xlokk u hawn staqsa lis-Sra Vella Zammit jekk kenitx ser tkun hi tali rappreżentant u fil-każ tali konferma kellha tintbgħat bil-miktub min-naħa tal-Kunsill Lokali Ħal Tarxien lill-Uffiċċju tar-Reġjun Xlokk. Is-Sra Vella Zammit wieġbet li ma kenitx ċerta għaliex hija ma kenitx taf dwar din l-email u din il-materja ma kenitx diskussa fil-Kunsill Lokali. Il-President talabha tikkonferma jekk hux ser tkun hi u fil-każ tiċċekja sewwa u tistaqsi lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tagħha sabiex iżommhom aġġornati bil-korrispondenza kollha li ntbgħatet u li tintbgħat mir-Reġjun Xlokk lil kull Kunsill Lokali membru fi ħdanu.

## 29.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Iffirmar Minuti

i. Peress li l-Minuti numru 28/2019 kienu ġew iċċirkolati minn qabel, il-President staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab l-approvazzjoni tal-Kunsill Reġjonali Xlokk.

Il-Kunsill Reġjonali Xlokk approva l-Minuti 28/2019 liema Minuti ġew iffirmati mill-President u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 29.3 Komunikazzjoni mill-President

LESA

**i.** Il-President nforma lill-Kumitat li l-LESA kienet għada mhix qed tħallas ir-*running costs* imma kienet qed tirrifondi biss is-salarji tal-impjegati. Żied jgħid li bħalissa kienu għadhom qed isiru xi verifiki min-naħa tal-LESA u aktarx li kien ser jiġi kkummissjonat Audit ieħor. Hawnhekk il-President ta spjega dettaljata għas-sitwazzjoni mal-LESA mill-2015 'il-hawn għall-benefiċċju tas-Sinjuri membri ġodda.

**ii.** **Ħaddiema RSSL assenjati mar-Reġjun Xlokk**

Il-President informa lis-Sinjuri Membri li l-ħaddiema tal-RSSL assenjati mar-Reġjun Xlokk kienu bħalissa qegħdin Bormla u Fgura. Hawnhekk Paul Farrugia nforma lill-Membri li kellu jaqla tim minn dawn il-ħaddiema li kienu qegħdin il-Kalkara għaliex dawn kienu tqabbdu jaqtgħu l-ħaxix. Żied jispjega lis-Sinjuri membri sabiex min jagħmel użu mis-servizz ta' dawn il-ħaddiema jaraw li jaqbduhom xogħol ta' ċertu livell għaliex dawn il-ħaddiema huma kollha ħaddiema tas-sengħa. Talabhom ukoll il-President li jibgħatu lil dan l-uffiċċju kemm ir-rassenja kif ukoll xi ritratti tax-xogħol magħmul għaliex l-Aġenzija kienet qed titlobhom. Avża lill-Membri li kull min ried jagħmel użu mis-servizz ta' dawn il-ħaddiema kellu jibgħat email lir-Reġjun sabiex dan l-uffiċċju jkun f'pożizzjoni li jqassam l-iskeda għal dawn il-ħaddiema.

**iii.** **ART - Reachout Centre**

Il-President Paul Farrugia nforma lis-Sinjuri Membri li dwar l-art fejn kien qed ikun propost li kellha tinbena r-Reachout Centre konna rcevejna mingħand Land's Authority li s-sit in kwistjoni kienet għaddiet mingħand il-Kunsill Lokali Tarxien għal għand ir-Reġjun Xlokk. Żied jinforma lis-Sinjuri Membri li dakinhar stess tal-laqgħa filgħodu hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu marru l-Lands Authority sabiex b'hekk kien ġie ffirmat il-kuntratt tad-devoluzzjoni tal-imsemmija art għal ħmistax –il sena li ġejjin li eventwalment setgħa jiġi mġedded.

**iii.i** **Fondi għall-proġett Reachout Centre**

Il-President Paul Farrugia wera' lill-Membri l-pjanti tal-proġett propost. Filwaqt li żied jinforma lill-istess membri li bħalissa jidher li kien hemm diskussjonijiet għaddejjin bejn il-Perit tar-Reġjun għal dan il-proġett u l-PA għaliex filwaqt li l-Infrastructure Malta kienet ikkonfermatlu li s-sit fejn ser isir l-proġett ma kienx ser jintmiss mill-proġett tal-*underpass* taħt Xintill Roundabout jidher li l-PA kienet qed tgħid li minn hemm kienet ser tgħaddi triq. Informa wkoll lill-Membri li jekk huma kienu jaqblu huwa kien ser jibqa għaddej bil-proġett kif maħsub u anke jkompli jara kif jista jġib il-fondi għalih kemm lokalment mill-Gvern Ċentrali permezz ta' Projects Malta kif ukoll mill-Unjoni Ewropea.

Saret diskussjoni mill-Membri fejn bi qbil unanimu kien deċiż li r-Reġjun Xlokk jibqa għaddej bil-proġett propost filwaqt li l-Perit tal-proġett kellu jibqa jikkordina mal-Awtoritajiet skond il-bżonn.

**iv.** **Inizjattiva Finanzjarja – Għoti ta' Tarmak**

Il-President informa lill-Kumitat li fir-rigward tal-inizjattiva finanzjarja ta' €500,000 li kellha tinqasam bejn il-ħames Reġjuni dwar l-għoti mill-ġdid ta' tarmak, kienu temmew ix-xogħol u ppreżentaw id-dokumenti kollha l-Kunsill Lokali BIRGU u b'hekk kienu ser jingħataw r-rifużjoni. Il-President ħeġġeġ lill-Kunsill Lokali BORMLA, l-uniku applikant li kien għadu ma lestiex ix-xogħol sabiex jlestu x-xogħol previst u jaraw li dan ikun konkluż malajr kemm jista jkun għaliex id-DLG kienu qed jiġru warajna sabiex din l-iskema tkun iffinalizzata minnufih.

**v.** **Storage garaxx B'bugia u trbunal Żejtun**

Il-President nforma lis-Sinjuri membri li fil-mument kellna problema bl-inkartament tat-Tribunal Zejtun u dan għaliex sid il-garaxx ta' Birzebbugia li konna qed nużaw bħala store kien talabulna lura. Żied jgħid Paul Farrugia li tali problema ta' spazzju kienet teżisti wkoll fl-istess bini tat-Tribunal Żejtun anzi żied jekk ma kenitx agħar.

**v.i** **Kundizzjoni tal-bini tat-Tribunal Lokali ż-**

Hawnhekk huwa ndirizza direttament lis-Sinjura Sindku Kunsill Lokali ż-Zejtun fejn talabha sabiex jieħdu bis-serjeta l-kundizzjoni li fih jinsab dan l-istess bini. Spjega li l-bini mimli konsenturi u hemm postijiet li anke l-

ħajt daħal il-ġewwa bil-konsegwenza li anke wħud mill-bibien tal-uffiċini ma tistax tiftaħhom u/jew tagħlaqhom. Hawnhekk is-Sra Sindku Kunsill Lokali ż-Żejtun qalet li kważi kważi l-Perit kien qalilhom li kien ikun aħjar li kieku l-post kellu jitwaqqa' u jinbena mill-ġdid. Il-President wieġeb li kien proprju għalhekk li kien qed jisħaq serjament li dan il-post jittranġa għaliex ir-Reġjun Xlokk ma kienx ser jidħol responsabbli meta fin-nofs kien hemm ħajjet l-impjegati u n-nies. Is-Sra Sindku wieġebet li kienet ser tirraporta lura fil-Kunsill Lokali tagħha sabiex tittieħed azzjoni immedjata skond il-bżonn. Żejtun

**v.i.i** Il-President wera ritratti tal-materjal kollu li hemm kemm fil-garaxx ta' Birżebbuga kif ukoll dak ġewwa t-Tribunal taż-Żejtun u żied jgħid li dwar l-problema ta' nuqqas ta' spazzju minħabba l-inkartament kollu relatat mat-Tribunal kienet intbgħatet email lill-Onor. Ministru Owen Bonnici forsi jintervjeni b'xi mod u jindikalna jekk stajniex niddisponu minn xi snin għal dawn il-karti. Ittra Min. OwenBonnici

**vi.** Il-President Paul Farrugia nforma lis-Sinjuri Membri li jekk kienu jaqblu r-Reġjun kien qed joffri li jirrifondi l-ispejjeż għal 3 bins lill-kull Kunsill Lokali Membru. Qal li dawn kienu bins fejn il-pubbliku jarmi loqom tas-sigaretti u/jew chewing gum. Bins – loqom tas-sigaretti

**vi.i** Il-Kunsill Reġjonali Xlokk unanimament approva li kull Kunsill Lokali jixtri dawn il-bins u jħallashom u ladarba jkollu d-dokumenti kollu jiġifieri Purchase Order, Invoice, Payment Voucher u Riċevuta Fiskali jibgħat kopja ta' kollox lill-Uffiċċju tar-Reġjun Xlokk sabiex dan min-naħa tiegħu joħroġ ir-rifużjoni.

Sadanittant Paul Farrugia żied li kien ser jagħmel kuntatt mas-supplier sabiex jitolbu jibgħatlu xi materjal informattiv biex ikun jista' jgħaddijulhom għall-informazzjoni tagħhom.

## 29.4 Ħatra ta' Viċi President

Viċi President

Il-President nforma lis-Sinjuri Membri li wara r-riżultat tal-Elezzjoni ta' Mejju 2019 li għadda kellha ssir elezzjoni oħra sabiex jinħatar Viċi President ġdid. Huwa kien qed jissuġġerixxi li bħala Viċi President kellha tinħatar mara sabiex dan jirrifletti il-Policy tal-Gvern Ċentrali u tal-Unjoni Ewropea kif ukoll minħabba li kienet ilha tagħti s-sehem tagħha fir-Reġjun Xlokk u għaldaqstant kien qed jipproponi bħala VIĊI PRESIDENT lis-Sindku Kunsill Lokali Bormla s-Sra Alison Zerafa Civelli. Is-Sindku Kunsill Lokali Marsa s-Sur Josef Azzopardi ssekonda.

Ir-Reġjun iddiskuta dan u bi qbil unanimu kkonferma lis-Sindku Kunsill Lokali Bormla s-Sra Alison Zerafa Civilli bħala Viċi President.

Is-Sra Sindku rringrazzjat lill-President kif ukoll lill-Membri kollha tal-fiduċja u seħqet li kull min kellu bżonn l-għajnuna tagħha dejjem kien ser isibha hemm flimkien mar-Reġjun biex tgħin.

## 29.5 Sejħa għall-offerti għall-Ġbir ta' Skart fuq Bażi Reġjonali 2022

**i.** Il-President Paul Farrugia nforma lis-Sinjuri Membri preżenti li kemm fl- Skart

aħħar laqgħa tar-Reġjun Xlokk kif ukoll permezz ta' email kienet tqassmet dokument b'tabella fejn kien intalab lill-Kunsilli Lokali sabiex jindikaw kif inhu l-ġbir tal-skart kollu bħalissa kif ukoll setgħu jissottomettu anke xi proposti. Żied jgħid Paul Farrugia li anke hawnhekk mhux il-Kunsilli Lokali kollha kienu wieġbu. Seħaq li din l-informazzjoni kienet kemmxejn urġenti għaliex din l-informazzjoni kienet qed titlobhilna l-AKL. Xi membri preżenti qalu li ma kienux jafu b'din it-tabella u bl-email. Hawnhekk iżda is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li dan ma setax ikun għaliex kull email li kienet qed toħroġ mir-Reġjun kienet qed tintbgħat fuq il-generic email, fuq l-email tas-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll fuq l-email tar-Rappreżentant ta' kull Kunsill Lokali rispettiv. Sadanittant il-President talab lil dawk il-Kunsilli Lokali li kienu għadhom ma weġbux sabiex jagħmlu dan sa mhux aktar tard minn l-Erbgħa 31 ta' Lulju 2019.

**i.i** Is-Sindku Kunsill Lokali Floriana s-Sra Davina Sammut Hili qalet li importanti immens kien li jkun hemm infurzar għaliex fil-mument kienet qed tkun mgħoddija minn Entita' għall-oħra sabiex xi ħadd mill-Awtortaijiet jerfa' r-responsabbilta' sabiex jitnaqqas l-abbuż li kien qed ikun hemm ġewwa l-lokalita' tal-Floriana. Il-President Paul Farrugia qal li anke bħala AKL kienu qed jagħmlu pressjoni kemm kien possibli mal-Awtoritajiet sabiex dan isir.

**ii.** Hawnhekk is-Sindku Kunsill Lokali Isla s-Sur Clive Pulis u kif ukoll il-Viċi Sindku Kunsill Lokali Belt Valletta qalu li huma kienu qed jiltaqgħu ma problema fejn jirrigwardja ġbir ta' skart riċiklat għaliex l-operatur Green MT kien ried iwaqqaf is-servizz għaliex kien qalilhom li ma kienx vijabbli għalih li jibqa jaħdem fil-lokalitajiet tagħom.

**iii.** Il-President Paul Farrugia talab lil kull min fil-lokalita' tiegħu kellu xi problemi relatali mal-iskart kellu jibgħat bil-miktub ħalli huwa min-naħa tiegħu jgħaddi dawn l-ilmenti lill-AKL.

**29.6 Fondi għall-inizjattivi Kulturali/Soċjali mill-Fondi tal-LESA** Fondi kulturali LESA

**i.** Il-President Paul Farrugia nforma lis-Sinjuri Membri li l-AKL kienet nhediet l-iskema FONDI KULTURALI għat-tqassim tas-surplus mill-LESA. Hawnhekk huwa beda billi ġideb l-attenzjoni li mir-Reġjun Xlokk kienu biss 5 minn 15 -il Kunsilli Lokali li attendew għal-laqgħa li kienet saret ġewwa lukanda San Ġiljan. Hawnhekk huwa talab l-koperazzjoni ta' kulħadd sabiex jagħmlu mezz u jattendu għal sessjonijiet u/jew attivitajiet li jiġu organizzati in partikolari fejn jirrigwardjaw skemi u/jew disponibbilita' ta' fondi.

**ii.** Sadanittant informa lis-Sinjuri Membri li r-Reġjun Xlokk kien ser jingħata madwar €51,471.63 jekk jippreżenta proġett li jkun approvat mill-Bord. Għaldaqstant huwa kien qed jipproponi li bħala Reġjun Xlokk isir sit elettroniku fejn fih ikun hemm informazzjoni ta' postijiet ta' interess ta' kull lokalita' fi ħdan ir-Reġjun Xlokk. F'dan is-sit elettroniku il-Kunsilli Lokali setgħu anke jxandru attivitajiet li l-lokalita' rispettiva tagħhom tkun ser ttella'. Dan setgħu jagħmluh billi jibgħatu d-dettalji kollha lill-uffiċċju tar-Reġjun u dan min-naħa tiegħu jtellgħu d-dettalji fis-sit. Proġett - website bil-postijiet ta' nteress

**ii.i** Ir-Reġjun iddiskuta din il-materja u kien hemm qbil unanimu li r-Reġjun

Xlokk jissottometti l-applikazzjoni lill-AKL bil-proposta ta' dan il-proġett hekk kif indikat mill-President Paul Farrugia.

**29.7 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tar-Rappreżentanti;**

Ma kienx hemm mistoqsijiet min-naħa tar-Rappreżentanti.

**29.8 Rapporti**

Il-President ippreżenta r-Rapport tal-ewwel kwart tas-sena għar-Reġjun Xlokk. Fejn spjega li partikolarment għaliex għall-ewwel darba r-Reġjuni ngħataw allokazzjoni finanzjarja, bħala qagħda finanzjarja r-Reġjun Xlokk kien f'pożizzjoni tajba.

**29.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru. 95/2019;**

**i.** L-Iskeda tal-Pagamenti 95/2019 ġiet approvata u ġiet iffirmata wkoll minn żewġ membri tal-Kunsill Reġjonali Xlokk, mill-President u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**ii.** Il-President informa lill-Kumitat li kienu għadhom qed jinħarġu u jintbgħatu xi pagamenti nkluż l-10% tal-LES dovuti lill-Kunsilli Lokali. Il-Kumitat preżenti unanimament approva li jinħarġu u jintbgħatu dawn il-pagamenti speċjalment l-10% dovuti lill-Kunsilli Lokali.

**29.10 Mozzjonijiet**

**i.** Ma kienx hemm Mozzjonijiet imressqa sa mhux iktar tard minn 6 ijiem mid-data ta' din il-laqgħa.

**29.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

i. Il-laqgħa ntemmet fi 19:30hrs.

**ii.** Laqgħa oħra kienet ser tinżamm nhar il-Ġimgħa 23 ta' Awissu 2019 fil-5:30pm.

*(Iffirmata)* | *(Iffirmata)*

*Kav. Paul Farrugia*
*President*

*Antonella Galea*
*Segretarju Eżekuttiv*